**Kunsill Reġjun Punent**

Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali Marsa, Malta

E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **35**

Laqgfia tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar il-Ġimgfia 17 ta' Mejju, 2024 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegfiu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgfiaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Mark Camilleri

Ħad-Dingli: Sindku Raymond Schembri.

Ħal Safi Sindku s-Sur Johan Mula.

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Dominic Grech

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħal Kirkop: Sindku s-Sur Terence Agius

L-Imqabba Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa

Ir-Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**35.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku ta' Ħal Kirkop s-Sur Terence Agius, is-Sindku tal-Imqabba is-Sa. Grace Marie Zerafa u is-Sindku tar-Rabat s-Sur Alexander Craus. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**35.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 34;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 34 li saret nhar it-18 ta' April 2024.

Sekondant: is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**35.03 Komunikazzjoni mill-President**

35.03.01 Nhar is-17.04.24 irċivejna statistika mill-ERA fuq spezzjonijiet li saru fil-lokalitajiet dwar separazzjoni tal-Iskart

35.03.02 Nhar id-19.04.24 ittella b'success il- Premiere tal-Oratorju 'L-Apokalissi ta' San Gwann' ġewwa l-Katidral tal-Mdina. Grazzi lil orkestra taż-Żurrieq, lis-Sindki tal-Imdina u ż-Żurrieq u lil Cultural Manager tal-kordinazjoni tagħhom.

35.03.03 Nhar id-19.04.24 il-manager tal-fondi lokali u Ewropej bagħtet lis-sindki informazzjoni dwar l-iskemi li nħarġu minn aġenziji u dipartimenti li minnhom jibbenefikaw l-għaqdiet volontarji u NGO's.

35.03.04 Nhar it-22.04.24 irċivejna Ċir AKL 2024/027_ Stedina mid-dipartiment għax-xogħolijiet pubbliċi. Nhar it-26.04.24 ser jiġi jiffirmat Memorandum of Understanding dwar proġetti Infrastrutturali mid-Dipartiment għax-Xogħilijiet Pubbliċi fil-Kunsilli Lokali. Attenda għaliha l-Maniġer tal-Proġetti is-Sur Conrad Fenech.

35.03.05 Nhar it-22.04.24 irċivejna Ċir AKL 2024/028_MCAST Summer Teens. L-MCAST ser jorganizzaw Teens Summer Camp għal tfal bejn 13 u 16-il sena nhar id-09/07/24 għal tlett ijiem.

35.03.06 Nhar 22.04.2024 bdew jahdmu mar-Regjun Punent 3 studenti Pollakki grazzi għal kumpanija METIS

35.03.07 Nhar it-23.04.24 il-manager tal-fondi lokali u Ewropej bagħtet lill-għaqdiet volontarji u NGO's dwar l-iskema ta Energy and Water Efficiency Scheme li tinsab miftuħa.

35.03.08 Nhar it-23.04.24 irċivejna Skema Ġonna fl-Urban fejn kull Kunsill lokali jista' jibbenefika sa Eur 30K u jixtri tal-anqas 50 siġra tal-larinġ u żebbug biex jitħawwlu f'postijiet pubbliċi.

35.03.09 Nhar l-24.04.24 il-President bagħat ir-rata tal-'extra collection, riveduta mill-kuntrattur lid-Direttur Galea u talab għal triq 'il quddiem minħabba li l-kuntratt u l-approvazzjoni eżistenti tagħlaq f'nofs Mejju 2024 u ma aħniex koperti sabiex nħallsu għal ġbir ta' skart kummerċjali wara din data.

35.03.10 Nhar l-24.04.24 irċivejna Ċir AKL 2024/029_European Climate Pact National Event. Dan il-Patt, li ġie mniedi mill-Kummissjoni Ewropea, jifforma parti mill-European Green Deal u qed jgħin lill-Unjoni Ewropea sabiex tilħaq il-mira sabiex issir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima fid-dinja sal-2050. Dan sar nhar it-08.05.24. Il-Maniġer tal-Ambjent is-Sur Andre Cordina, attenda għal EU Climate Pact National Event

35.03.11 Nhar it-24.04.24 ġejna invitati għal roundtable bejn organizzazzjonijiet mhux governattivi, partijiet interessati , is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Glenn Bedingfield u d-Direttur Ġenerali għad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni is-Sur Ramon Deguara. Din saret nhar is-27.04.24. Attenda għaliha il-President tar-Reġjun Punent is-Sur Sandro Azzopardi.

35.03.12 Nhar l-24.04.24 irċivejna Ċir AKL 2024/030_All Digital Week 2024 - Nessy Reading and Spelling Programme financed by the Local Councils' Association. l-Assoċjazzjoni intgħażlet minn All Digital network sabiex inkunu qed nassumu l-irwol bħala National Coordinator tal-All Digital Week 2024. Bħala Assoċjazzjoni ser ikunu qed jgħinu lill-Kunsilli sabiex ikollhom programm diġitali li jgħin lit-tfal fil-literacy, Nessy Reading and Spelling Program. Dan il-program jgħin ukoll tfal li qegħdin fl-ispektrum ta' Dyslexia.

35.03.13 Nhar l-24.04.24 irċivejna mingħand REBUS Albanija għal kollaborazzjoni sabiex inrawwmu l-iżvillup sostenibbli fir-reġjun Interreg Ewro-Med. REBUS Albanija hija involuta fil-konservazzjoni ambjentali, agrikoltura sostenibbli, servizz ta' ekoturiżmu u turużmu, teknoloġija xierqa u drittijiet tal-bniedem u governanza tajba.

35.03.14 Nhar il-25.04.24 is-Sa Cassar f' isem ir-Reġjuni bagħtet kopja tal-ftehim li qed jiġi propost li jkun iffirmat bejn ir-Reġjuni u l-PROs (GreenPak u GreenMt) sabiex ir-reġjuni jkunu jistgħu jieħdu r-rimborż tal-ispiża relatata ma' ġbir ta' skart riċiklabbli (borża l-griża u ħġieġ) domestiku.

35.03.15 Nhar il-25.04.24 il-Maniġer tal-Kultura is-Sur Duncan Caruana attenda għall-konferenza dwar fondi tan-Norway Grants

35.03.16 Nhar it-26.04.24 tlabna li jkun hemm differiment fuq is-smiegħ tal-każ PA/01873/23 fuq 'Upgrading of existing offices including provisions for better accessibility and conservation of external and internal facades'. Is-Seduta ġiet differita għal 17.05.24.

35.03.17 Nhar is-26.04.24 irċivejna mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li qed tħejji eżerċizzju sabiex tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar is-Segretarji Eżekuttivi f'kull Kunsill Reġjonali / Lokali.

35.03.18 Nhar it-26.04.24 irċivejna mingħand is-Sur Cauchi lettur ġewwa QMUL Malta. Flimkien mall-kollega tiegħu Dr Konstantinos Kalafatakis qed ifittxu msieħba lokali

fuq proġett taħt Interreg NEXT MED. Dawn qed jimmirraw sabiex ikunu msieħba ma' entitajiet oħra fil-Greċja, Ċipru u Turkija. Din is-sejħa għandha l-għan li tiffinanzja proġetti ta' kooperazzjoni transazzjonali li jrawwmu żvillup sostenibbli u inklussiv fil-Mediterran. L-oqsma ewlenin jinkludu l-innovazzjoni, it-tkabbir tal-SME's, l-enerġija rinnovabbli, l-ilma, l-ekonomija ċirkolari, l-adattament għall-klima, l-edukazzjoni, kura tas-saħħa u l-governanza lokali. Nhar it-03.05.24 saret laqgħa fejn attenda għaliha il-Maniġer tal-Ambjent, is-Sur Neil Muscat.

35.03.19 Nhar it-30.04.24 irċivejna Ċir AKL 2024/031_ Launch of ALL DIGITAL Weeks 2024. Din saret nhar is-06.05.24 filwaqt li l-kampanja tal-ALL DIGITAL WEEK se tittellgħa bejn it-13 sal-31.05.24.

35.03.20 Nhar it-30.04.24 irċivejna mingħand is-Sur Agius sabiex niġbru r-reġistri elettorali rispettivi tal-Kunsilli Lokali fi ħdanna.

35.03.21 Nhar it-30.04.24 intbgħatu l-inviti ghal-korsijiet tal-Food Handling lil NGOs, Kunsilli Lokali tar-Reġjun Punent.

35.03.22 Nhar it-02.05.24 irċivejna mill-Malta Libraries dwar servizz ta' audiobooks li toffri għal dawk neqsin mid-dawl. Talbu sabiex nixxerjaw ħolqa fuq il-paġni soċjali sabiex iktar nies ikunu mgħarrfa b'dan is-servizz.

35.03.23 Nhar it-02.05.24 irċivejna grafika sabiex tkun tista' tintuża fuq il-mezzi soċjali mid-direttur Ġenerali s-Sur Emil Vassallo.

35.03.24 Nhar it-02.05.24 il-Maniger tal-IT attenda għan-National Cyber Security Challenge 2024.

35.03.25 Nhar it-03.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/032 Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Assistent Prinċipal Skala 11.

35.03.26 Nhar it-03.05.24 il-President bagħat lid-Direttur Ġenerali is-Sur Vassallo rigward jekk kienx hemm żviluppi dwar il-ġabra addizzjonali minħabba li r-Reġjun mhux se jkun kopert wara id-09.05.24 biex jiġbor l-iskart kummerċjali skond l-iffirmar tal-Addendum No. 1 li kien iffirmat mid-DOC għan-nom tar-Reġjun Punent.

35.03.27 Nhar it-03.05.24 irċivejna mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni fejn nieda 6 skemi ta' studju. L-għan ta' dawn l-iskemi hu li jgħiinu finanzjarjament lil kull individwu biex jsegwu l-istudji tagħhom.

35.03.28 Nhar it-03.05.24 irċivejna Ċirkulari nru 9 tal-2023 - Każijiet tal-Ombudsman u ħatra ta' Focal Persons.

35.03.29 Nhar is-06.05.24 il-President bagħat lill-ACM dwar skemi li jinħarġu bi skadenzi stretti li huma kollha kontra l-interessi tagħna bħala Reġjun għall-ġid tal-kultura. Il-President enfasizza ukoll l-importanza sabiex l-ACM tirrikonoxxi ż-żmien tal-elezzjoni u l-perjodu li ninsabu fih.

35.03.30 Nhar is-07.05.24 id-Direttur Ġenerali is-Sur Emil Vassallo informa lis-Segretarji Eżekuttivi dwar il-laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Finanzi dwar il-ftehim fuq il-ġabra addizzjonali tal-iskart riċiklabbli. Kellhom assigurazzjoni li minnufih jingħaddew l-ispejjez tal-2023 kif ġej:

- VAT fuq il-ġabra skart riċiklabbli residenzjali
- VAT fuq il-ġabra addizzjonali skart riċiklabbli kummerċjali

- Spiża tal-ġabra addizzjonali skart riċiklabbli kummerċjali

Hemm ukoll ftehim li ssir talba għall-iffinanzjar tal-ispejjeż għall-2024 wara li tkun approvata t-talba għall-addendum ieħor u wara li ngħaddu rendikont finanzjarju tal-Kunsilli Reġjonali tal-ewwel kwart tal-2024. Informa sabiex nagħddu it-talbiet mad-dipartiment tal-kuntratti sabiex niksbu approvazzjoni għall-addendum ieħor.

35.03.31 Nhar is-07.05.24 is-Sa Cassar bagħtitilna feedback li rċiviet mingħand l-avukat fuq il-kuntratt li ġie mfassal mid-diviżjoni sabiex kull Reġjun jiffirmah mal-PRO's.

35.03.32 Nhar it-08.05.24 ġejna avviċinati mis-Sur Calleja mill-Universita' ta' Malta. Bħalissa qed jaħdmu fuq proġett Ewropew imsejjaħ Varcities li joħloq soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura f'lokalitajiet b'involviment dirett taċ-ċittadin. Dawk interesatti għandhom jattendu l-workshop li ser issir f'Ġunju.

35.03.33 Nhar it-08.05.24 irċivejna mingħand l-Eskills rigward il-kampanja Annwali tagħhom b'koordinazzjoni Nazzjonali mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

35.03.34 Nhar id- 09.05.24 irċivejna Ċirkulari 04/2024 – Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali 2024.

35.03.35 Nhar id-09.05.24 irċivejna mill-Media Exclusive sabiex jekk hu possibbli nerġgħu nipprovdu numru ta' skips għas-separazzjoni tal-iskart għal produzzjoni ta' Love Island Malta. Il-Waste Manager ikkordina sabiex huma jifthemu mal-Kuntrattur. Tlabniehom ukoll sabiex fil-programm tagħhom jedukaw lir-residenti sabiex jisseparaw l-iskart.

35.03.36 Nhar l-10.05.24 irċivejna mingħand STEM Engagement Team f'Esplora. Nhar is-16.04.24 niedew National STEM Community Fund 2024. Talbuna sabiex inqassmu t-tali Ċirkulari mal-Kunsilli Lokali rispettivi. Esplora Interactive Centre b'kollaborazzjoni ta' Ħidma Nazzjonali għall-impenn STEM huwa impenjat li jqajjem kuxjenza dwar is-sbuħija, l-utilità tal-oqsma, karrieri u professjonisti.

35.03.37 Nhar l-10.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/033_National STEM Community Fund 2024 - Circular for dissemination. L-iStem Engagement Team niedew t-tielet edizzjoni tan-National STEM Community Fund 2024. Is-sottomissjonijiet għal dan il-fondi se jintlaqgħu sa mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa, il-31.05.2024.

35.03.38 Nhar l-10.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/034_15th May - Invitation to a Public Talk on Co-Creating Public Space. Fil- 15.05.24 Dawra Madwarna ser torganizza avveniment bl-isem ta' 'Strategies, insights and inspiration for placemaking with lasting community impact.'

35.03.39 Nhar l-10.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/035_ Informative Document Implementing Bring Your Own Container (BYOC) Initiative at Local Feasts. L-Assoċjazzjoni kellha laqgħa ma CE Malta sabiex jgħiinu lir-residenti jkunu aktar konxji mis-sehem li jistgħu jagħtu sabiex ikollna ambjent aħjar, b'bidliet fil-mentalità u l-kultura tagħna.

35.03.40 Nhar it-13.05.24 irċivejna mill-Mita CYBER Breakfast fejn —ser ikunu qed jorganizzaw "CYBER Breakfast", speċifikament għall-Membri tan-"National Cybersecurity Community". Din is-sessjoni se tesplora "Security Operation Centres" minn tliet aspetti li huma t-teknoloġija, in-nies u l-proċessi, kemm għal dawk interni jew inkella mmaniġġjati.

35.03.41 Nhar l-14.05.24 irċivejna Ċir AKL 2024/036_Using META Effectively - Connecting to Community: Making social media work for you training session 29/05/2024. Dan it-tafiriġ ser ikun siewi gfial fiaddiema li jiefidu fisieb il-paġna soċjali ta' Facebook tal-Kunsill Lokali.

35.03.42 Nhar l-14.05.24 irċivejna mingfiand il-kumpanija Nazzjonali tat-teatru. B'kollaborazzjoni mal-Ministru gfiall-Anzjanità Attiva dafilu fi proġett sabiex jagfitu opportunità lill-komunità ta' 60+ biex jitgfiallmu u jiefidu sehem fit-teatru komunitarju. Stiednuna gfial festival li ser itellgfiu nhar it-30.11.24.

35.03.43 Il-President reġa fakkar li l-Maniġer tal-Iskart qed jitlob lill-Kunsilli sabiex jibgfiatulna l-minuta dwar l-iskema SPI/SCI/03/2024 'Inizjattiva Finanzjara-Lokalitajiet aktar Nodfa' fejn biha ikunu qed jagfitu l-kunsens sabiex ir-Reġjun Punent japplika gfial din l-iskema gfian-nom ta' dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jipparteċipaw f'din il-'Clean-up' kolletivament.

**35.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

**35.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

35.05.01 Kwotazzjoni RF156/2024 – Request for Quotation for Hampers

35.05.02 Kwotazzjoni RFQ157/2024 Request For Quotation for Food handling courses.

35.05.03 Kwotazzjoni RFQ158/2024 Request For Quotation for Plastic Foldable tables

35.05.04 Kwotazzjoni RFQ159/2024 Request For Quotation for the hiring of Sound Equipment.

35.05.05 Kwotazzjoni RFQ 160/2024 Request For Quotation for the hiring of light system.

35.05.06 Kwotazzjoni RFQ 161/2024 Request For Quotation for the supply of drone insurance.

35.05.07 Kwotazzjoni RFQ162/2024 Request For Quotation for foldable chairs

35.05.08 Kwotazzjoni RFQ163/2024 Request For Quotation for the Installation of Shelves.

35.05.09 Rapport tal-Open Top Buses Route Roadside

35.05.10 Rapport fuq Roundtable: Pajjizna niefidu fisiebu – 35.03.13

**35.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

35.06.01 Kwotazzjoni RF156/2024 – Request for Quotation for Hampers

Il-President informa li ntbaghtu erba' inviti gfial kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgfiażel l-irfias offerta

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.02 Kwotazzjoni RFQ157/2024 Request For Quotation for food handling courses.

Il-President informa li ntbagħtu ħames inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta waħda biss. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imdina. is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.03 Kwotazzjoni RFQ158/2024 Request For Quotation for Plastic Foldable tables.

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.04 Kwotazzjoni RFQ 159/2024 Request For Quotation for the hiring of Sound equipment.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.05 Kwotazzjoni RFQ160/2024 Request For Quotation for the hiring of light system.

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.06 Kwotazzjoni RFQ161/2024 Request For Quotation for the supply of drone insurance.

Il-President informa li ntbagfitu tlett inviti gfial kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgfiażel l-irfias offerta

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa. Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.07 Kwotazzjoni RFQ162/2024 Request For Quotation for Foldable chairs.

Il-President informa li ntbagfitu tlett inviti gfial kwotazzjoni li minnhom irċevejna offerta wafida biss. Il-President ippropona li tintgfiażel l-irfias offerta

Sekondant: Is-Sindku tal-Imdina, is-Sur Peter Sant Manduca
Il-Kunsill qabel unanimament.

35.06.08 Kwotazzjoni RFQ163/2024 Request For Quotation for the Installation of Shelving.

Il-President informa li ntbagfitu tlett inviti gfial kwotazzjoni li minnhom irċevejna tlett offerti. Il-President ippropona li tintgfiażel l-irfias offerta

Sekondant: Is-Sindklu ta' Safi, is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**35.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.25**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq gfiall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 25.

Proponent: Is-Sindku ta' Ħaż-Zebbug, is-Sur Mark Camilleri
Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament.

**35.08 Rapport Finanzjarju ta L-Ewwel Kwart Jan-Mar 2024**

L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President ippreżentaw ir-rapport tal-Ewwel kwart tas-sena. Il-President ressaq gfial approvazzjoni tiegfiu.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sur Johan Mula

**35.09 Management letter ta' l-Awdituri**

Il-President ippreżenta il-Management Letter li r-Reġjun Punent irċieva nhar is-6 ta' Mejju, 2024. Ippreżenta u ressaq gfiall-approvazzjoni ukoll r-risposta draft.

Sekondant: Il-Vici President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri

**35.10 Regional Cultural Cooperation Programme**

Dan is-suġġett ser jiġi diskuss fil-laqgfia li jmiss.

**35.11 Materji Oħra**

Ma kienx hemm materji ofira.

**35.12 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgfia ntemmet fis-18:15 u l-President informa li l-laqgfia gfias-seduta li jmiss ser tinżamm nhar 20 **ta' Ġunju, 2024 fil-19:00.**

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

20 ta' Ġunju, 2024

Ikkonfermati llum